II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/562

## tat-23 ta' April 2020

## li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma

Il-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Mjanmar/Burma u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 194/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4i tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 401/2013.

(2) F'konformità mal-Artikolu 4i tar-Regolament (UE) Nru 401/2013, il-Kunsill wettaq rieżami tal-lista ta' persuni u entitajiet dežinjati li tinsab fl-Anness IV għal dak ir-Regolament.

(3) Ġiet riċevuta informazzjoni aġġornata għal entrata waħda.

(4) L-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 401/2013 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 401/2013 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2020.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
G. GRLIĆ RADMAN

([1]) ĠU L 121, 3.5.2013, p. 1.

*ANNESS*

L-entrata 3 fil-lista ta' persuni u entitajiet stabbilita fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 401/2013 hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| "3. | Than Oo | Data tat-twelid: 12 ta' Ottubru 1973<br>Sess: raġel<br>Numru ta' identifikazzjoni militari: BC 25723 | Il-Brigadier Ġeneral Than Oo kien il-Kmandant tad-Diviżjoni 99 tal-Infanterija Ħafifa tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) sa Mejju 2018. F'dak il-kuntest, hu responsabbli għall-atroċitajiet u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa kontra l-popolazzjoni Rohingya fl-Istat ta' Rakhine fit-tieni nofs tal-2017 mid-Diviżjoni 99 tal-Infanterija Ħafifa. Dawn jinkludu qtil illegali, vjolenza sesswali u l-ħruq sistematiku ta' djar u bini tar-Rohingya. | 25.6.2018" |